



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' April 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0169(COD)

15301/2/19
REV 2 ADD 1

ENV 1046
SAN 528
CONSOM 341
AGRI 631
CODEC 1803
PARLNAT 70

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-7 ta' April 2020

I. INTRODUZZJONI

Fit-28 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta leġislattiva għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma, l-hekk imsejjaħ Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma (9498/18 + ADD 1 sa ADD 6).

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-12 ta' Frar 2019 (6427/19).

Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill qabel rigward approċċ ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni (10278/19) li jagħti mandat lill-Presidenza biex tinnegozja mal-Parlament Ewropew.

Saru tliet trilogi fl-10 ta' Ottubru, fit-12 ta' Novembru u fit-2 ta' Diċembru 2019. B'mod parallel ma' dawn it-trilogi, saru diversi laqgħat tripartitiċi tekniċi.

Fit-18 ta' Diċembru 2019, wara analiżi ta' dan it-test bil-ħsieb li jintlaħaq qbil, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-kompromess finali li rriżulta mit-trilogi (14944/19 + COR1). It-test approvat bid-dispożizzjonijiet innumerati mill-ġdid tqassam dak inhar stess bħala ANNEX għad-dokument 15254/19 +COR 1.

Fil-21 ta' Jannar 2020, il-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew approva t-test.

Sussegwentement, fl-istess jum il-President tal-Kumitat ENVI bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indika li, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, huwa kien ser jirrakkomanda li l-Kumitat ENVI u l-Plenarja jadottaw il-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-12 ta' Diċembru 2018¹. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-Opinjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2018².

II. OBJETTIV

L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jiġi garantit li l-ilma reklammat ikun sikur għat-tisqija agrikola, sabiex b'hekk jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, filwaqt li tiġi promossa l-ekonomija ċirkolari, jiġi appoġġat l-adattament għat-tibdil fil-klima, u jingħata kontribut biex tiġi indirizzata l-iskarsezza tal-ilma u l-pressjoni li tirriżulta fuq ir-riżorsi tal-ilma, b'mod koordinat madwar l-Unjoni, u b'hekk jingħata kontribut ukoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Osservazzjonijiet ġenerali

Bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fir-rigward tar-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, ir-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew wettqu negozjati informali fi trilogi biex jikkonverġu l-pożizzjonijiet tagħhom. It-test tal-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament jirrifletti għalkollox il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi, iffaċilitat mill-Kummissjoni Ewropea.

¹ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 94

² ĠU C 86, 7.3.2019, p. 353

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jikkondividu l-oġġettivi tar-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma. F'dak il-kuntest, fit-trilogu finali, il-Kunsill u l-Parlament qablu dwar test tar-Regolament li jipprovdi bilanċ bejn il-pożizzjonijiet differenti tagħhom. Minn naħa, bil-ħsieb li jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ, il-Kunsill ried jiżgura ċarezza b'rabta mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u jipprovdi biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri li jipprattikaw użu mill-ġdid tal-ilma għat-tisqija agrikola kif ukoll għal dawk li ma jagħmlux dan. Min-naħa l-oħra, il-Parlament ried iżid l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-UE, inkluż billi jiġu stipulati rekwiżiti minimi għall-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma.

Kwistjonijiet ewlenin

Il-qbil li ntlaħaq fit-trilogu tat-2 ta' Diċembru 2019 jirrappreżenta konverġenza tal-pożizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament dwar diversi kwistjonijiet ewlenin.

Kamp ta' applikazzjoni

Il-Kunsill u l-Parlament jaqblu li r-rekwiżiti minimi tal-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma stabbiliti fir-Regolament jikkonċernaw biss l-użu tal-ilma urban mormi trattat għat-tisqija agrikola. Madankollu, filwaqt li jirrikonoxxi l-potenzjal kbir tal-użu mill-ġdid tal-ilma reklam għal skopijiet oħrajn minbarra t-tisqija agrikola, l-Anness I tar-Regolament jipprevedi li, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni rilevanti fl-oqsma tal-ambjent u tas-saħħa, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-ilma reklam għal użi oħra, bħal skopijiet industrijali, skopijiet relatati ma' servizzi ta' konvenjenza u għal finijiet ambjentali.

Barra minn hekk, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tinkludi fl-Artikolu 2(2) klawżola diskrezzjonarja li tippermetti lill-Istati Membri jieħdu deċiżjoni li l-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tisqija agrikola ma jkunx xieraq f'wieħed jew aktar mid-distretti tal-baċiri tax-xmajjar tagħhom jew f'partijiet minnhom. Dan jippermetti lill-Istati Membri li ma jipprattikawx l-użu mill-ġdid tal-ilma biex jevitaw spejjeż amministrattivi bla bżonn, bħal spejjeż marbuta mat-twaqqif ta' infrastruttura amministrattiva għall-permessi.

Fl-istess ħin, il-klawżola diskrezzjonarja tistabbilixxi l-modalitajiet sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom kif xieraq, jirreveduhom kif meħtieġ, mill-inqas kull sitt snin, u jibagħtuhom lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(3) jobbliga lill-Istati Membri jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom disponibbli għall-pubbliku online jew b'mezzi oħra. Il-premessa (7) tkompli tispjega li l-iskop tar-Regolament huwa li jiffaċilita l-għażla tal-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tisqija agrikola kull meta dan ikun xieraq u kosteffiċjenti. Il-premessa tindika wkoll li r-Regolament għandu jkun flessibbli biżżejjed biex jiżgura li l-Istati Membri li ma jipprattikawx l-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tisqija agrikola ser ikunu jeħtieġu biss li japplikaw ir-regoli tiegħu meta jibdew jipprattikaw tali użu mill-ġdid tal-ilma fi stadju aktar tard.

Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Parlament jirrikonoxxu l-importanza li tiġi faċilitata l-innovazzjoni fl-użu mill-ġdid tal-ilma filwaqt li tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Għal dawk ir-raġunijiet, fl-Artikolu 2(3) l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tipprevedi li, taħt ċerti kondizzjonijiet, ir-riċerka u l-proġetti pilota jistgħu jidderogaw mill-applikazzjoni tar-Regolament.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 2(4) jindika li r-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma japplika mingħajr preġudizzju għall-qafas leġislattiv dwar l-iġjene tal-ikel kif stabbilit fir-Regolament 852/2004.

Fl-istess ħin, l-Artikolu 2 jikkunsidra l-approċċ ta' diversi ostakli billi jispeċifika li r-Regolament dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma ma jipprekludix lill-operaturi tan-negozji tal-ikel milli jiksbu l-kwalità tal-ilma meħtieġa biex jikkonformaw mar-Regolament 852/2004 billi japplikaw fi stadju sussegwenti diversi għażliet ta' trattament tal-ilma waħedhom jew flimkien ma' għażliet oħrajn mingħajr trattament ta' ilma jew billi jużaw sorsi alternattivi oħrajn tal-ilma għat-tisqija agrikola. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnutat li l-Artikolu 5(4)(c) jipprevedi li l-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-ġdid tal-Ilma għandu b'mod partikolari jidentifika ostakli addizzjonali fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma, u jistipula kwalunkwe rekwiżit addizzjonali wara l-punt ta' konformità, meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza tas-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma, inkluż kondizzjonijiet relatati mad-distribuzzjoni, il-ħżin u l-użu fejn rilevanti, u jiġu identifikati l-partijiet responsabbli biex jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti. Referenza għall-ostakli ssir ukoll fl-Anness I taqsima 2 punt 1.

Fl-aħħar nett, l-emenda proposta mill-Parlament biex tiġi introdotta responsabbiltà għall-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma ġietx inkluża fit-test ta' kompromess peress li tqieset bħala barra mill-kamp ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, fil-prattika, ikun diffiċli ħafna biex jintwera li l-ilma reklammat kien responsabbli għall-kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-għelejjel.

Rekwiżiti minimi għall-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma

Ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma għandu l-għan li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent billi jistabbilixxi rekwiżiti minimi kemm għall-kwalità tal-ilma reklammat kif ukoll għall-monitoraġġ tal-konformità, flimkien mal-armonizzazzjoni tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju.

Dawn ir-rekwiżiti minimi huma stabbiliti rispettivament fl-Anness I u l-Anness II tar-Regolament. Dawn l-annessi huma r-risultat ta' ħidma bir-reqqa minn esperti, inkluż miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC). Meta jitqies li l-ħidma teknika għandha tiegħu preċedenza fuq il-kunsiderazzjonijiet politiċi, il-Kunsill u l-Parlament qablu fit-trilogi li jagħmlu biss f'it bidliet f'dawn l-annessi li sussegwentement ġew ikkonfermati mill-JRC. Għal raġunijiet ta' ċarezza, ġiet miżjuda nota f'qiegħ il-paġna mat-Tabella 1 fl-Anness I li taqra: "Jekk l-istess tip ta' għelejjel imsaqqija jaqa' taħt diversi kategoriji tat-Tabella 1 għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-kategorija l-aktar stretta". Il-Kunsill u l-Parlament qablu wkoll fuq dispożizzjoni dwar il-monitoraġġ tal-validazzjoni. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li l-monitoraġġ tal-validazzjoni għandu jitwettaq fil-każijiet kollha fejn isir titjib fit-tagħmir, u meta jiżdiedu tagħmir jew proċessi ġodda. Barra minn hekk, il-monitoraġġ tal-validazzjoni għandu jsir biss għall-aktar klassi stretta ta' kwalità ta' ilma reklammat.

Barra minn hekk, is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati għall-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju (l-Artikolu 5(5), l-ewwel subparagrafu), kif ukoll l-atti delegati li jissupplimentaw ir-Regolament sabiex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ġestjoni tar-riskju (l-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu), tiżgura li r-Regolament jibqa' aġġornat. Barra minn hekk, l-Artikolu 11(5) jipprevedi li l-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tistabbilixxi linji gwida biex tappoġġa l-applikazzjoni tar-Regolament fil-prattika. Il-Kummissjoni trid tippreżenta dawn il-linji gwida fi żmien sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. L-armonizzazzjoni tirriżulta wkoll mill-Artikolu 6(5) li jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-applikant għal permess id-data mistennija ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fi żmien 12-il xahar. Fl-aħħar nett, abbażi tal-Artikolu 15, l-Istati Membri li jipprattikaw l-użu mill-ġdid tal-ilma għal skopijiet agrikoli għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tar-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. L-Istati Membri għandhom, sa erba' snin wara d-dħul fis-seħħ, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri, kif ukoll jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ma tistabbilixxix rekwiżiti minimi għall-mikroinkwinanti u mikroplastiki. Madankollu, fl-Anness II punt B(6)(e) tispeċifika li l-mikroinkwinanti u mikroplastiki huma sustanzi ta' tħassib emerġenti fir-rigward tal-kwalità tal-ilma li jeħtieġu kunsiderazzjoni partikolari f'valutazzjoni tar-riskju. Barra minn hekk, l-Artikolu 12(2)(d) isemmi sustanzi ta' tħassib emerġenti bħala aspett li l-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari fl-evalwazzjoni. F'dak l-isfond, il-Kummissjoni esprimiet ir-rieda tagħha li tagħmel dikjarazzjoni li, peress li l-mikroinkwinanti u l-mikroplastiki jirrappreżentaw kwistjoni ġenerali, mhux limitata għall-ilma reklamati biss, hija ser tissokta bl-isforzi tagħha biex tkompli tindirizza din il-kwistjoni importanti.

Il-possibbiltà li jitqiesu d-differenzi bejn is-sistemi tal-użu mill-ġdid tal-ilma fl-UE

F'konformità mal-approċċ "adatt għall-iskop", il-kompromess stabbilit fil-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jipprevedi flessibbiltà għall-Istati Membri li jipprattikaw l-użu mill-ġdid tal-ilma fit-tisqija agrikola fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi tal-użu mill-ġdid tal-ilma tagħhom. Fl-istess ħin, il-kompromess jiżgura biżżejjed protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali u tal-ambjent. L-Artikolu 5 (Ġestjoni tar-riskju) u l-Artikolu 6 (Obbligi fir-rigward tal-permess għall-ilma reklamati), flimkien mad-definizzjonijiet dwar l-awtorità kompetenti, l-utent finali u l-parti responsabbli fl-Artikolu 3, jagħtu flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-atturi differenti fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma.

Barra minn hekk, sabiex tiġi prevista l-possibbiltà meħtieġa tal-adattament għaċ-ċirkostanzi lokali, l-Artikolu 3(11) jiddefinixxi l-punt ta' konformità bħala l-punt fejn operatur ta' faċilità ta' reklamazzjoni jwassal l-ilma reklamati lill-attur li jkun imiss fil-katina filwaqt li l-Artikolu 6(3)(f) jistabbilixxi li l-punt preċiż ta' konformità jista' jiġi determinat fil-permess.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 7(3) jipprevedi flessibbiltà billi jispeċifika li hija r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li tiddetermina li l-konformità tal-użu mill-ġdid tal-ilma qed titreġġa' lura skont il-proċeduri definiti fil-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma.

Filwaqt li titqies il-flessibbiltà li l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tagħti lill-Istati Membri u lil atturi oħrajn fil-qasam tal-użu mill-ġdid tal-ilma, fit-trilogu l-koleġislaturi f'fissaw id-data ta' applikazzjoni għal tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (l-Artikolu 16).

Kwistjonijiet importanti oħrajn

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tistabbilixxi diversi kwistjonijiet importanti oħrajn li dwarhom ir-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew laħqu qbil fit-trilogi.

Informazzjoni u trasparenza

Bil-ħsieb li jiġi promoss l-użu mill-ġdid tal-ilma, l-Istati Membri fejn l-ilma reklamati jintużaw għat-tisqija agrikola għandhom jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni ġenerali u ta' sensibilizzazzjoni dwar l-iffrankar tar-riżorsi tal-ilma bħala riżultat tal-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tisqija agrikola. Sabiex jiġi evitat piż sproporzjonat, l-Artikolu 9 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jadattaw tali kampanji għall-iskala tal-użu mill-ġdid tal-ilma tagħhom. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' trasparenza, l-Artikolu 10 jelenka l-informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma li l-Istati Membri fejn jintużaw l-ilma reklamati għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku online jew b'mezzi oħra. Din l-informazzjoni għandha tkun adegwata u għandha tiġi aġġornata kull sentejn. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 11 jipprevedi l-istabbiliment ta' sistema ta' informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament.

Aċċess għall-ġustizzja

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirreferi għall-aċċess għall-ġustizzja fi premessa ġdida (39) bħal fil-każ tad-Direttiva Dwar Prodotti tal-Plastik b'Użu Uniku. Dan jirrifletti s-sitwazzjoni li l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-UNECE, normalment magħrufa bħala l-Konvenzjoni ta' Aarhus. L-istabbiliment ta' obbligi speċifiċi dwar l-aċċess għall-ġustizzja fir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma mhuwiex meħtieġ peress li l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom sistemi nazzjonali fis-seħħ li jiffunzjonaw tajjeb biex jiżguraw l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.

Evalwazzjoni u rieżami

L-Artikolu 12(1) jipprevedi li l-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni u rieżami tal-applikazzjoni tar-Regolament fi żmien 8 snin wara d-dħul fis-seħħ. Dan l-Artikolu jispeċifika l-elementi li fuqhom trid tkun ibbażata din l-evalwazzjoni. Bħala parti mill-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-ilma reklamati għal użi speċifiċi ulterjuri, inkluż l-użu mill-ġdid għal skopijiet industrijali. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll il-fattibbiltà tal-espansjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament biex jiġi kopert l-użu indirett tal-ilma mormi trattat.

IV. **KONKLUŻJONI**

Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq f'negozjati informali bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitati mill-Kummissjoni. F'dak l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova din id-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet tal-Kunsill dwar il-Pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, u
- jibgħat din id-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew.

Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew tal-Pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari, li tapprova l-Pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emenda, ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.
